Nru./No. 20,617
Prezz/Price
€0.36

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 3 ta' Mejju, 2021
Monday, 3rd May, 2021

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........................................................................................ 4317 - 4318
*Government Notices ........................................................................................ 4317 - 4318*

Avviżi tal-Qorti ........................................................................................ 4318 - 4320
*Court Notices ........................................................................................ 4318 - 4320*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 594**

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, UGWALJANZA U GOVERNANZA**

**Ħatra tal-Bord dwar l-Għarfien Fost iż-Żagħżagħ fuq l-Ugwaljanza u r-Riformi**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza ħatar il-Bord dwar l-Għarfien Fost iż-Żagħżagħ fuq l-Ugwaljanza u r-Riformi għal perjodu ta' sena (1) b'seħħ mit-28 ta' April, 2021, kif ġej:

*Chairperson*
Is-Sa Mary Scicluna

*Membri*
Is-Sa Daniella Callus
Is-Sa Nicole Schembri
Is-Sa Trisha Smith
Is-Sa Nikita Zammit Alamango
Is-Sa Denise Cutajar
Is-Sur Johann Scicluna
Is-Sa Antonella Gatt
Is-Sur Kaymon Pace
Dott Michele Cardinali
Is-Sur Ilenio Liberato Borg
Is-Sa Desirei Grech

*Segretarja*
Is-Sa Christabelle Borg

It-3 ta' Mejju, 2021

**Nru. 595**

**ATT XXI TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TAl-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)**

**Reġistri Elettorali**

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV tal-1996, ġie ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,616 tal-Ġimgħa, 30 ta' April, 2021.

Ġie ppubblikat ukoll mal-istess Gazzetta, skont l-artikolu 13 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea.

It-3 ta' Mejju, 2021

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 594**

**MINISTRY FOR JUSTICE, EQUALITY AND GOVERNANCE**

**Appointment of the Equality and Reform Awareness Amongst Youth Board**

IT is hereby notified for general information that the Minister for Justice, Equality and Governance has appointed the Equality and Reform Awareness Amongst Youth Board for a period of one (1) year with effect from 28th April, 2021, as follows:

*Chairperson*
Ms Mary Scicluna

*Members*
Ms Daniella Callus
Ms Nicole Schembri
Ms Trisha Smith
Ms Nikita Zammit Alamango
Ms Denise Cutajar
Mr Johann Scicluna
Ms Antonella Gatt
Mr Kaymon Pace
Dr Michele Cardinali
Mr Ilenio Liberato Borg
Ms Desirei Grech

*Secretary*
Ms Christabelle Borg

3rd May, 2021

**No. 595**

**GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)**

**Electoral Registers**

IN accordance with the provisions of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register was published with Government Gazette No. 20,616 of Friday, 30th April, 2021.

Also published with the same Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, was the European Union Electoral Register.

3rd May, 2021

**Nru. 596**

**PERSUNI LI ĠEW IPPRIVATI MIĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA**

IL-LISTA li ġejja ta' persuni li ġew ipprivati miċ-ċittadinanza Maltija bejn it-18 ta' Diċembru, 2020 u l-31 ta' Marzu 2021, hija ppublikata għall-informazzjoni ta' kulħadd skont id-dispożizzjonijiet tar- regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.07.

It-3 ta' Mejju, 2021

**No. 596**

**PERSONS DEPRIVED OF MALTESE CITIZENSHIP**

THE following list of persons who have been deprived of Maltese citizenship from the 18th December, 2020 until the 31st March, 2021 is being published for general information in accordance with the provisions of regulation 4 of Subsidiary Legislation 188.07.

3rd May, 2021

| Isem<br>*Name* | Kunjom<br>*Surname* |
|---|---|
| Aslan | Ziab |
| Fakher Ben Mustapha | Manai |
| Pavel Eduardovich | Melnikov |

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

604

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' April, 2021, fuq rikors ta' Guido Grima (KI 383460M) et ġie iffissat il-jum tat-Tlieta, 8 ta' Ġunju, 2021, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Maisonette bl-isem 'Rose House' bil-garaxx anness miegħu, mingħajr numru uffiċjali, li jinsab fi Triq il-Mimosa, Il-Ħamrun, konfinanti min-Nofsinhar ma' Triq il-Mimosa, mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Agostino Bajada jew is-suċċessuri fit-titolu, u mill-Punent ta' proprjetà ta' Marianna Gerada jew is-suċċessuri fit-titolu, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tliet mija u sitta u għoxrin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€326.11), altriment liberu u frank bil-pertinenzi kollha tiegħu stmat li jiswa mitejn u ħamest elef ewro (€205,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Buontempo Ruben (KI 174273M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 3/2020 fl-ismijiet ta' Guido Grima et vs Romina Buontempo et.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 29 ta' April, 2021

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 28th April, 2021, on the application of Guido Grima (ID 383460M) et, Tuesday, 8th June, 2021, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale By Auction, to be held in Room number 78 nearby the archives Level -1 Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of he following property:

Maisonette named 'Rose House' with the garage annexxed to it, without officially number situated in Triq il-Mimosa, Ħamrun, bounded on the South by Triq il-Mimosa, on the North by property of Agostino Bajada or his successors in title and on West of property of Marianna Gerada or her successors in title as subject to annual and perpetual ground rent of three hundred and twenty six euro and eleven cents (€326.11), otherwise free and unencumbered with all its appurtenances valued at two hundred and five thousand euro (€205,000).

The said tenement is the property of Buontempo Ruben (ID 174273M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 3/2020 in the names of Guido Grima et vs Romina Buontempo et.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 29th April, 2021

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

605

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' April, 2021, fuq rikors ta' Galea Henry (KI 79464M) et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2021, fl-għaxra u nofs ta filgħodu (10.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Fond residenzjali bla numru uffiċjali mmarkat mhux uffiċjalment bin-numru 21A, fi Triq il- Biżantini, Marsaxlokk, mibni fuq plot numru 21 formanti parti mill-artijiet magħrufa bħala Juno Heights, formanti parti dan l-istess fond minn binja akbar bl-isem Oceana, inkluż il-garaxx fil-basement level u żewġ fondi sovrastanti, bil-fond l-ieħor immarkat mhux uffiċjalment bin-numru 21B, aċċessibbli minn entratura komuni li tiżbokka fi Triq il-Biżantini, Marsaxlokk, konfinanti l-proprjetà diviża ta' art min-Nofsinhar mat-Triq imsemmija, mit-Tramuntana ma' beni ta' Sidsills Property Company Limited jew is-suċċessuri fit-titolu u mil-Lvant ma' beni tas-suċċessuri fit-titolu tal-familja Williams, u bis-sehem tan-nofs indiviż tal-partijiet, servizzi u amenitajiet komuni inkluż il-lift shaft u l-lift intiżi għall-użu komuni u għall-utilità komuni u stmat li jiswa €835,000 (tmien mija, ħamsa u tletin elf ewro)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Bugeja Raymond (KI 310856M) u Bugeja Doris (KI 297781M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 48/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 29 ta' April, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th April, 2021, on the application of Galea Henry (ID 79464M) et, Thursday, 15th July, 2021, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Numbered 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Residential property without official number unofficially marked with number 21A, in Triq il- Biżantini, Marsaxlokk, built on plot number 21 forming part of the lands known as Juno Heights,forming part of the same property building named Oceana, including the garage in the basement level and two other overlying tenements, with the other tenement unofficially marked 21B, accessible from a common entrance that abutts in Triq il-Bizantini, Marsaxlokk, bounded from the south by the said street, from the North with property of Sidsills Property Company Limtied or its successors in title and from the East with property of the successors in title of family Williams, with a half of the undivided share of the common parts and services and common amenities including the lift shaft and lift for the common use and valued at €835,000 (eight hundred and thirty five thousand euro)

The said tenement is the property of Bugeja Raymond (ID 310856M) and Bugeja Doris (ID 297781M)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 48/2016.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 29th April, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

606

ARB/FFO001/2021 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR BARRANIJA

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-18 ta' Marzu, 2021 mit-Tribunale di Reggio Calabria. Fil-kawża fl-ismijiet, fost oħrajn:

GIOVANNI CAMASTRA, ta' 56 sena, twieled Locri (RC), fl-Italja fit-18 ta' Novembru 1964, residenti ġewwa Locri (RC), contrada Verga snc, u detentur ta' Karta tal-Identità Taljana bin-numru AX4130773.

ORDNAT is-sekwestru u ż-żamma f'idejn partijiet terzi ta' 77.5% tal-ishma appartenenti lil GIOVANNI CAMASTRA fil-kumpanija Mediterraneo Holding Ltd bin-

ARB/FFO001/2021 – FOREIGN FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a court decree dated 18th March, 2021 given by the Tribunale di Reggio Calabria. In the case, apart from others against:

GIOVANNI CAMASTRA, 56 years, born in Locri (RC), Italy on the 18th November 1964, residing at Locri (RC), contrada Verga snc, and holder of Italian Identification Card bearing number AX4130773.

ORDERED the attachment in the hands of third parties of 77.5% of the shareholding belonging to GIOVANNI CAMASTRA in the company Mediterraneo Holding Ltd

numru ta' reġistrazzjoni Malti C 75177 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala 26, Triq il-Pulviera, San Ġwann, u inklużi l-assi kollha limitament sa 77.5% tal-assi tal-kumpanija hawn imsemmija MEDITERRANEO HOLDING LTD.

Din l-ordni tal-iffriżar qed tiġi rikonoxxuta u esegwita ġewwa Malta ai termini tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, Avviż Legali 180 tal-2021 (Regolamenti tal-2021 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Ordnijiet ta' Ffriżar u Ordnijiet ta' Konfiska), u Regolament tal-Unjoni Ewropea 2018/1805.

Illum, 28 ta' April, 2021

AĠENT DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

with Maltese registration number C 75177 and registered address at 26, Triq il-Pulviera, San Ġwann, and including all assets limitedly up to 77.5% of the assets held by the above-mentioned company MEDITERRANEO HOLDING LTD.

This freezing order is being recognised and executed in Malta according to Chapter 621 of the Laws of Malta, Legal Notice 180 of 2021 (Mutual Recognition of Freezing Orders and Confiscation Orders Regulations, 2021), and European Union Regulation 1805/2018.

Today, 28th April, 2021

ACTING DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

607

B' digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fl-1 ta' Frar, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 348/20 JPG, fl-ismijiet Alexander Cremona vs Mary Grace sive Grace Cremona, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mary Grace sive Grace Cremona, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12. Dan ir-Rikors ġie differit għas-smigħ mis-seduta tal-Erbgħa, 24 ta' Marzu, 2021, fid-9.15 a.m.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili ( Sezzjoni Famija), fl-ismijiet Alexander Cremona (ID 18163M) vs Mary Grace sive Grace Cremona (ID 157264M) fit-8 ta' Ottubru, 2020, ir-rikorrenti Alexander Cremona (ID 18163M) talab lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ta' bejnu u l-intimata huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Alexander Cremona vs Mary Grace sive Grace Cremona, Rikors Numru 348/20 JPG, issa jinsab differit għas-smigħ għall-31 ta' Mejju, 2021, fid- 9.15am.

Notifika Intimata: 51, Louisa. Flat 4, Triq Salvu Psaila, Birkirkara.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 30 ta' April 2021.

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court ( Family Section) on the 1st February, 2021, in the records of the Sworn Application Number 348/20 JPG, in the names Alexander Cremona vs Mary Grace sive Grace Cremona, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Mary Grace sive Grace Cremona, in terms of Article 187(3) et. sequitur of Cap. 12. This Application was put off for hearing from the sitting of Wednesday, 24th March, 2021 at 9.15 a.m.

By means of a Sworn Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the names Alexander Cremona (ID 181 63M) vs Mary Grace sive Grace Cremona (ID 157264M) on the 8th October, 2020, the applicant Alexander Cremona (ID 18163M) asked this Honourable Court,

1. To declare that the marriage between him and the respondent is dissolved and thus pronounce the divorce between them, and uphold the other demands in the application.

The Sworn Application in the names Alexander Cremona vs Mary Grace sive Grace Cremona, Application Number 348/20 JPG, has been put off for hearing to the 31st May, 2021 at 9.15am.

Notify Respondent: 51, Louisa, Flat 4, Triq Salvu Psaila, Birkirkara.

Registry of the Civil Courts ( Family Section) today 30th April, 2021

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*